MALTA RESOURCES AUTHORITY

# STQARRIJA MILL-AWTORITA TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI

L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi tirreferi għall-kummenti li dehru fil-media.

L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi hi obbligata li b'mod regolari tiċċekkja l-operat tal-kumpanniji li joperaw fis-suq tal-energija speċjalment ta' dawk l-operaturi li għandhom monopolju jew dominanza fis-suq. Dan biex ikun assigurat li l-konsumatur ikun protett.

F'Ġunju tal-2010 l-Awtorità ippubblikat mekkaniżmu biex ikun determinat il-prezz ġust tal-LPG għall-konsumatur. Dan il-mekkaniżmu kif ukoll spjegazzjoni tiegħu jinstabu fis-sit eletroniku tal-Awtorità www.mra.org.mt.

Il-mekkaniżmu jintuża biex ikun ikkalkulat il-prezz ta' kull xahar meta jkun hemm ċaqliq fil-prezzijiet internazzjonali tal-materja prima jiġifieri l-gass. Dan issir ukoll mill-Korporazzjoni Ememalta għal *fuels* oħra.

F'Diċembru daħal operatur ġdid fis-suq, għaldaqstant bdiet dieħla l-kompetizzjoni iżda l-operatur eżistenti baqa' dominanti fis-suq. Għalhekk l-Awtorità rċeviet l-informazzjoni kollha kif sar fix-xhur ta' qabel u għamlet il-kalkoli tagħha wkoll abażi tal-prezz internazzjonali biex b'hekk il-prezz ikun stabilit. Dan il-prezz tħabbar mill-Awtorità

Wara li jkun stabilit il-prezz, l-operatur dominanti jista' jew jimxi mal-prezz stabbilit jew jiddeċiedi li jnaqqas il-prezz tiegħu u jniżżel il-prezz kif fil-fatt ġara. Il-prezijiet offruti mill-kumpaniji privati, jistgħu jkunu orħos minn dak stabilit mill-mekkaniżmu tal-Awtorita' sabiex ikunu kompetittivi mal-konsumaturi minkejja l-għoli fil-prezz internazzjonali. Għalhekk il-mekkaniżmu użat qed iservi ta' ġid għall-konsumaturi għaliex il-kompetizzjoni qed tgħin biex trażżan iż-żidiet minn barra minn Malta u li pajjiżna jiddependi minnhom minħabba li m'għandniex gass u fuels. Din hi sitwazzjoni komuni f'suq miftuħ u kompetittiv.

L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Rizorsi tagħraf li s-suq tal-LPG qieghed fi transizzjoni għaldaqstant il-konsumatur għandu joqgħod attent li meta jixtri ċilindru tal-gass ikun qed iħallas il-prezz ippubblikat mill-kumpanija konċernata. Id-distributuri huma obbligati li jkollhom lista uffiċjali tal-prezzijiet f'post prominenti fuq it-trakk tagħhom. F'każ li l-konsumatur ikollu xi dubju dwar il-prezz, il-konsumatur jista' jikkuntattja lill-operatur partikolari jew lill Awtorità.

4 ta' Jannar 2011
MRA/PR 01/11

*Malta Resources Authority, Millennia, Aldo Moro Road, Marsa MRS 9065, Malta.*
*Tel: +356 21220619; Fax: +356 22955200 E-mail: enquiry@mra.org.mt*

*Malta Resources Authority, Millennia, Aldo Moro Road, Marsa MRS 9065, Malta.*
*Tel: +356 21220619; Fax: +356 22955200 E-mail: enquiry@mra.org.mt*